

Brussell, 13 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15245/25

SOC 766  
EMPL 503  
SIMPL 174  
ANTIDISCRIM 105  
GENDER 196

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	It-tweġiq tas-simplifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar fil-qasam tal-impjegi u f'dak soċjali - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża n-nota ta' gwida tal-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet tal-Kunsill (EPSCO) tal-1 ta' Diċembru 2025.

**Nota ta' Gwida****Laqgħa tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur****Brussell, 1 ta' Diċembru 2025***It-twettiq tas-simplifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar fil-qasam tal-impjiegi u f'dak soċjali*

Mindu ġew ippubblikati r-rapporti ta' Mario Draghi u Enrico Letta fl-2024, kien hemm rikonnoxximent dejjem akbar tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa, inkluż billi jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u l-kumplessitajiet regolatorji biex jgħinu lill-UE tibqa' kompetittiva f'ordni globali dejjem aktar kumpless u kkontestat.

Fid-Dikjarazzjoni ta' Budapest tat-8 ta' Novembru 2024, il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern appellaw għal rivoluzzjoni ta' simplifikazzjoni li tiżgura qafas regolatorju ċar, sempliċi u intelliġenti għan-negozji u li jnaqqas drastikament il-piżijiet amministrattivi, regolatorji u ta' rappurtar, b'mod partikolari għall-SMEs. Il-Boxxla għall-Kompetittività<sup>1</sup> tafferma li l-pedament tal-kompetittività tal-Ewropa huwa l-poplu tagħha u tenfasizza li l-oġġla prijorità tas-snin li ġejjin trid tkun it-tiġdid tas-saħħa kompetittiva tal-Ewropa.

Aktar minn nofs l-SMEs fl-Ewropa jindikaw l-ostakli regolatorji u l-piż amministrattivi bħala l-akbar sfida tagħhom. Il-Kummissjoni stabbiliet mira għalija nnifisha li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi b'mill-inqas 25 % għall-kumpaniji kollha u 35 % għall-SMEs<sup>2</sup>.

Biex tintlaħaq din il-mira permezz tas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi għan-negozji, minn Novembru 2025, il-Kummissjoni ressqet sitt pakketti omnibus – u ħabbret sitt pakketti oħra. Fit-23 ta' Ottubru, il-mexxejja tal-UE affermaw mill-ġdid il-ħtieġa għal urġenza fuq din l-aġenda u appellaw lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi biex jaċċelleraw ħidmiethom, bħala kwistjoni tal-akbar prijorità, fuq il-fajls kollha b'dimensjoni ta' simplifikazzjoni jew kompetittività<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> A Competitiveness Compass for the EU (2025) (Boxxla għall-Kompetittività tal-UE (2025)).

<sup>2</sup> Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni, pp. 6-7 (id-dokument 6198/25).

<sup>3</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, 23 ta' Ottubru 2025

Huwa importanti kemm għan-negozji kif ukoll għall-ħaddiema tal-UE li l-aġendi tas-simplifikazzjoni, ir-regolamentazzjoni aħjar, l-implimentazzjoni u l-infurzar jitwettqu. Tabilħaqq, kif esprimiet il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen fid-diskors ewlieni tagħha fil-Konferenza "Sena Wara r-Rapport ta' Draghi": *"Meta nitkellmu dwar il-kompetittività nkunu qed nitkellmu dwar l-impjiegi, dwar salarji tajbin għan-nies u dwar profitti tajbin għall-kumpaniji. Nitkellmu dwar l-istil ta' ħajja Ewropew tagħna"*.

It-twettiq ta' din l-aġenda ta' simplifikazzjoni jirrikjedi valutazzjoni saħansitra aktar bir-reqqa dwar jekk l-UE għandhiex tirregola, permezz tal-Kummissjoni, u kif l-UE għandha tirregola, permezz tal-koleġislaturi u l-Kummissjoni. Meta r-regolamentazzjoni tiġi proposta, innegojzjata u adottata, din teħtieġ li tiġi żgurata fl-istadji kollha li l-benefiċċji mistennija jiġġustifikaw il-kostijiet amministrattivi addizzjonali. Barra minn hekk, bħala parti mill-proċess ta' simplifikazzjoni, l-acquis eżistenti jrid jiġi skrinjat b'mod kostanti biex jiġi żgurat li jibqa' rilevanti u adattat għall-iskop tiegħu.

Għandhom isiru sforzi biex jiġi rregolat, issimplifikat u mtejjeb l-infurzar bl-għan li jiġu ssalvagwardjati standards għoljin u jiġi żgurat li l-ħaddiema kollha jkollhom impjiegi ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti li jikkontribwixxu għat-tkabbir, il-benessri u l-prosperità fl-UE u bil-ħsieb li jinżammu l-istandards soċjali tagħna u djalogu soċjali b'saħħtu.

Fid-dawl ta' dan, il-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea għad-Drittijiet Soċjali, il-Ħiliet, l-Impjiegi ta' Kwalità u l-Preparatezza ppubblikat ir-Rapport ta' Progress Annwali tagħha dwar is-Simplifikazzjoni, l-Implimentazzjoni u l-Infurzar għall-2025<sup>4</sup>, li ser tippreżenta lill-Kunsill (EPSCO) fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2025. Qed issir enfasi partikolari fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar, flimkien ma' test tal-istress komprensiv tal-acquis soċjali tal-UE sa tmiem il-mandat.

---

<sup>4</sup> [2025 Annual Progress Report on Simplification, Implementation and Enforcement of Executive Vice-President Roxana Münzatu - European Commission](#)

## **Mistoqsijiet għad-diskussjoni**

*Id-delegazzjonijiet huma ġentilment mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar waħda jew aktar mill-mistoqsijiet li ġejjin. Kull delegazzjoni ser tingħata ħin massimu ta' 3 minuti biex titkellem:*

- 1. Fil-fehma tiegħek, liema miżuri għandha tiegħu l-Kummissjoni Ewropea, fir-rigward ta' proposti ġodda u regolamentazzjoni eżistenti, sabiex tilħaq l-għan tagħha li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi b'25 % sal-2030 u tiżgura li l-acquis soċjali jibqa' rilevanti, proporzjonat u adattat għall-iskop tiegħu?*
- 2. Bħala koleġislaturi, x'jistgħu jagħmlu l-Istati Membri fil-Kunsill EPSCO biex jiżguraw li r-regoli l-ġodda u strumenti oħra tal-UE jkunu xierqa u proporzjonati għall-oġettivi tagħhom u jagħtu riżultati fejn huwa l-aktar importanti għaċ-ċittadini?*
- 3. Liema miżuri nazzjonali jew tal-UE għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi tagħhom, u fl-aħħar mill-aħħar biex tiġi avvanzata Unjoni aktar kompetittiva?*

---